II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/699

tat-3 ta' Mejju 2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jneħħi lir-Russja bħala destinazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-attakk illegali tar-Russja fuq l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u t-theddid rispettiv għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni, l-Unjoni ddeċidiet li timponi aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju u fuq il-forniment ta' servizzi relatati. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 ([2]) jimponi, fost l-oħrajn, restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju u fuq il-forniment ta' servizzi relatati. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/394 ([3]) jimponi wkoll restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġiji tan-navigazzjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 ([4]) jimponi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' tagħmir, teknoloġija u servizzi għall-industrija tal-enerġija tar-Russja (minbarra l-industrija nukleari u s-settur downstream tat-trasport tal-enerġija). Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/576 ([5]) jimponi restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-esportazzjoni fuq firxa ta' teknoloġiji avvanzati.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/821 jintroduċi tmien awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet ta' ċerti oġġetti lejn ċerti destinazzjonijiet taħt kundizzjonijiet u rekwiżiti speċifiċi. Bħalissa, tliet awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni jistgħu jintużaw għall-esportazzjonijiet lejn ir-Russja: EU003 (riesportazzjoni ta' oġġetti wara tiswija jew sostituzzjoni fl-UE), EU004 (esportazzjoni ta' oġġetti għal fieri jew wirjiet), EU005 (esportazzjonijiet ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni).

([1]) ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 49, 25.2.2022, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/394 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 81, 9.3.2022, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 87I, 15.3.2022, p. 13).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/576 tat-8 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 111, 8.4.2022, p. 1).

(3) Fid-dawl tal-azzjonijiet tal-Unjoni kontra r-Russja, huwa xieraq li r-Russja titneħħa mil-listi ta' destinazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni Nri EU003, EU004 u EU005 sabiex ir-Russja ma tiħalliex tikseb aċċess għal teknoloġiji kritiċi u oġġetti b'użu doppju.

(4) Ir-Regolament (UE) 2021/821 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.

(5) Fid-dawl tat-theddida diretta għall-paċi u s-sigurtà Ewropea maħluqa mill-kunflitt, jeżistu raġunijiet imperattivi ta' urġenza għat-tneħħija tar-Russja mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni Nru EU003, EU004, u EU005. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li tapplika l-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2021/821 u jenħtieġ li dan l-att delegat jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima C "ESPORTAZZJONI WARA TISWIJA/SOSTITUZZJONI", il-Parti 2 "Destinazzjonijiet", l-inċiż li jikkonċerna r-Russja huwa mħassar;

(2) fit-Taqsima D "ESPORTAZZJONI TEMPORANJA GĦAL WIRJA JEW FIERA", il-Parti 2 "Destinazzjonijiet", l-inċiż li jikkonċerna r-Russja huwa mħassar;

(3) fit-Taqsima E "TELEKOMUNIKAZZJONIJIET", il-Parti 2 "Destinazzjonijiet", l-inċiż li jikkonċerna r-Russja huwa mħassar.